MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012

Talba Numru. 51/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Katia BONNICI [ID. Nru. 430486(M)]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fit-30 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' hames mija erbgha u sittin euro u sitt centezmi ta' euro [€564.06] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija erbgha u sittin ewro u sitt centezmi (€564.06) in konnessjoni ma' servizz telefoniku 21800361 u dak tat-televisjoni 1425017336 (AC80030744 u 40069722).

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fit-8 ta’ Frar, 2012, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-28 ta’ Marzu, 2012, nhar il-25 ta’ April, 2012, nhar it-12 ta’ Gunju, 2012, nhar it-2 ta’ Ottubru, 2012, nhar it-18 ta’ Ottubru, 2012, nhar it-30 ta’ Novembru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-30 ta’ Novembru, 2012 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-ittra mibghuta mill-intimata datata 16 ta’ Marzu, 2012 fejn inghad hekk:

“*Jiena Katia Bonnici ID. 430486M li ghandi seduta quddiem il-Qorti fit-28 ta’ Marzu fis-1.00p.m. jiena insiba problema dak il-hin biex nidher quddiem il-qorti ghall din is-seduta. Jien single mother u ghandi tifel ta’ 5 snin li ghall dak il-hin ta’ 1.00p.m. inkun irrid nigbru mill-iskola. Jien mghandi lill hadd min jista jigborli it-tifel mill liskola u insiba difficli biex inlahhaq nitla il-qorti u nigbor it-tifel mill l-iskola. Jien qed niktiblek biex forsi tibdel il-hin ta’ seduta min wara nofsinhar ghall wahda filghodu biex ma insib lebda problema biex nigi nirringrazzjak bil quddiem*[1]”.

Ra li minkejja d-differimenti kollha li nghataw f’din il-kawza, l-intimata xorta wahda baqghet qatt ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiemu. Ra li n-nuqqas ta’

[1] Fol. 17 tal-process

attendenza ta’ l-intimata ma hijiex gustifikata l-ghaliex minn meta hija kitbet l-ittra hawn fuq imsemmija sakemm qeghda tigi deciza din il-kawza ghaddew kwazi disa xhur u inghataw seba’ (7) differimenti bis-seduta tal-lum b’kollox. Jekk verament l-intimata riedet isib hin jew persuna ma minn riedet thalli lil binha, hija kienet taghmel dan f’dan il-perjodu kollu. Apparti minn hekk, hija setat ukoll tinkariga lil xi hadd (inkluz avukat) sabiex jkun jista jirrapresentaha f’dawn il-proceduri, haga li hija baqghet qatt ma ghamlet. Anzi jirrizulta li tul il-proceduri, hija hallset is-somma ta’ mija u hamsin euro (€150). Ra li dan in-nuqqas huwa mputabbli biss ghall-in timata u ghall hadd izjed.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-26 ta’ Settembru, 2012 u li permezz taghha, hija ddikjarat li l-intimata fadlilha thallas is-somma ta’ erba mija u erbatax-il euro u sitt centezmi ta’ euro [€414.06].

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ erba mija u erbatax-il euro u sitt centezmi ta’ euro [€414.06], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------